Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9042 — Keolis/Amey/W&B Rail Franchise)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 295/04)

1. Fid-9 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Keolis (UK) Limited ("Keolis", ir-Renju Unit), finalment ikkontrollata mis-Société nationale des chemins de fer français (SNCF);

— Amey Rail Limited ("Amey", ir-Renju Unit), finalment proprjetà ta' Ferrovial S.A. (Spanja);

— Wales and Borders Rail Franchise ("W & B Rail Franchise", ir-Renju Unit).

Keolis u Amey jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' W & B Rail Franchise kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' ftehim dwar il-franchise.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Keolis: il-forniment ta' servizzi tat-trasport pubbliku f'16-il pajjiż madwar id-dinja;

— Amey: Il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni ta' assi infrastrutturali fis-settur privat u dak pubbliku prinċipalment fir-Renju Unit;

— W & B Rail Franchise: il-forniment ta' servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri madwar Wales, kif ukoll servizzi lejn destinazzjonijiet fl-Ingilterra (servizzi ferrovjarji fuq distanzi itwal li joriġinaw jew jintemmu f'Wales).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9042 — Keolis/Amey/W&B Rail Franchise

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.